**Ruling mogħti mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, fis-Seduta 164 tas-6 ta' Novembru 2023 dwar ilment dwar żvijar fi tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Fil-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari tas-seduta 163 ta' nhar l-Erbgħa, l-1 ta' Novembru 2023, waqt li kienu qed isiru mistoqsijiet supplimentari lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, l-Onor. Darren Carabott ġibed l-attenzjoni tas-Sedja u qal:

> "Sur Pesident, il-Ministru żgwida lill-Kamra meta rrisponda d-domanda parlamentari tiegħi għaliex mhux veru li qalu li hemm studju. Se naqralu testwalment: "Naraw li jitħaddem kunċett simili kull fejn hu possibbli fl-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali 2024." Jiġifieri, Sur President, il-Ministru żgwida lill-Kamra. Jekk jien mhux qed ngħid is-sewwa, mela l-manifest elettorali tal-Partit Laburista mhux qed jgħid is-sewwa wkoll."

Hawnhekk is-Sedja wieġbet lill-Onor. Carabott:

> "Għandna din l-osservazzjoni. Nistaqsi lill-Ministru jekk jixtieqx jagħmel xi korrezzjoni jew osservazzjoni? Imbagħad nara jien."

Hawnhekk l-Onor. Owen Bonnci rrisponda:

> "Qed itellfuni. L-ewwel nett it-talba tiegħu hija intempestiva; *se mai* kellu jagħmilha wara li jintemmu l-mistoqsijiet parlamentari."

Hawnhekk is-Sedja wieġbet:

> "Kompli bir-risposta. Qed ngħidlek biex tweġibni, jekk jogħġbok."

Il-Ministru Owen Bonnici qal:

> "Ir-risposta hi: I stand by what I said in my reply."

Is-Sedja mbagħad wieġbet li kienet ser tara t-talba tal-Onor. Carabott, u komplew il-mistoqsijiet supplimentari.

Din il-kwestjoni ġiet imqajma mill-Onor. Darren Carabott per konsegwenza tal-mistoqsija supplimentari li huwa kien għamel ftit qabel lill-Ministru għall-Wirt, Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, u ċjoè:

> "Sur President, nirreferi għall-programm elettorali li kellu l-Partit Laburista fl-aħħar elezzjoni fir-rigward tas-sezzjoni dwar il-kunsilli lokali. Jista' l-Ministru jgħid hemmx il-ħsieb li sa Ġunju 2024, meta hemm l-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali, hux se jidħol min-naħa tal-Gvern il-mekkaniżmu sabiex ikun hemm ir-rappreżentazzjoni ugwali bejn is-sessi? Naf li fil-manifest tal-Partit Laburista hemm il-wegħda li għall-ewwel elezzjonijiet tal-kunsilli lokali se jidħol il-mekkaniżmu bħalma daħal fil-Parlament, jew xi ħaġa simili. Sal-elezzjoni li ġejja l-Gvern se jimplimenta din il-wegħda elettorali li għamiltu?"

Hawnhekk il-Ministru Owen Bonnici wieġeb hekk:

“Nieħu gost nara lill-Onor. Carabott jieħu interess fil-wegħdi li aħna nagħmlu. Forsi hija indikazzjoni li anke l-Oppożizzjoni tal-pajjiż taf li aħna l-wegħdi li nagħmlu nwettquhom. Però lill-ħabib tiegħi l-Onor. Carabott irrid nikkoreġih għaliex ma qarax il-wegħda elettorali, il-commitment elettorali, li hemm b’mod korrett. Il-commitment elettorali huwa dwar l-istudju ta’ din il-miżura. (Interruzzjonijiet) Mhux tidħak. Tgħallem aqra! Aqra x’hemm fil-manifest elettorali. Il-commitment li tajna huwa li aħna nistudjaw din ... (Interruzzjonijiet)”

Hawnhekk is-Sedja interrompiet lill-Ministru u qalet hekk:

“Ħu paċenzja. Id-domanda saret. Inti trid tagħti r-risposta u tindirizza lili.”

Hawnhekk il-Ministru Owen Bonnici qal hekk:

“L-Onorevoli kollegi jdaħħkuni. Qed jikkwotaw il-manifest elettorali tal-Partit Laburista. Naħseb li, umilment, xi daqsxejn kredenzjali biex nispjega x’wegħedna aħna fl-elezzjoni, għandi. Qed ngħid lill-Onor. Interpellant li l-wegħda elettorali tagħna f’din il-biċċa hija li aħna ... Kif qed jgħid il-ħabib tiegħi, aħna verżjoni waħda għandna u tfixkel! (Onor. Membri: Hear, hear) Tfixkel u aħna kellna verżjoni waħda, aħseb u ara kemm jitfixkel jaqra l-ħafna verżjonijiet tal-partit tiegħu stess! Mhux se nkompli għax joqogħdu jieħdu għalihom.”

Li ridt ngħid hu li dan l-istudju, din l-analiżi rridu nagħmluha b’attenzjoni. Il-commitment tagħna huwa li nkomplu nistudjaw u nagħmlu l-analiżi kollha li hemm bżonn. Qed ngħid li din il-wegħda - u se nkun ċar biex in-nies jifhmuni - ... Ara fejn tidħol tas-Sindki 16, il-wegħda kienet li aħna nimplimentaw dik ir-riforma. Mela mhux studju, imma nimplimentaw. F’dan il-każ il-wegħda kienet li wieħed jistudja u janalizza din il-ħaġa; hija ħaġa pożittiva li wieħed jistudja, li wieħed jirrifletti, li wieħed jikkonsulta. Aħna se nkomplu għaddejjin bit-twettiq tal-wegħdi elettorali, inkluż li aħna nistudjaw din il-ħaġa, li qed nieħu gost li l-Onor. Interpellant ħa interess li jistaqsi dwarha.”

Kien proprju hawn li l-Onor. Carabott talab lis-Sedja tara jekk il-Ministru kienx qed jiżgwida lill-Kamra bir-risposta tiegħu.

Is-Sedja rat u qrat dak li hemm miktub fil-programm elettorali tal-Partit Laburista tal-aħħar elezzjoni 2022. Il-paragrafu jaqra hekk:

“Paragrafu 971.

F’din l-elezzjoni ġenerali se jintuża għall-ewwel darba l-mekkaniżmu li jassigura rappreżentanza ugwali fil-Parlament Malti. Nemmnu li l-prinċipju ta’ tisħiħ tal-parteċipazzjoni ugwali bejn is-sessi għandu jiġi estiż ukoll fuq bażi lokali b’mekkaniżmu li jkun adegwat għall-kunsilli lokali. Wara li jiġu analizzati r-riżultati ta’ dan il-mekkaniżmu fl-elezzjoni ġenerali naraw li jitħaddem il-kunċett simili kull fejn hu possibbli fl-elezzjoni tal-kunsilli lokali tal-2024.”

Jidher ċar mill-qari tal-istess manifest elettorali li dak li kien qed jirrispondi l-Ministru li għandu jkun hemm analiżi abbażi tal-mekkaniżmu li jkun intuża fl-aħħar elezzjoni ġenerali, li fil-fatt intuża, dwar il-parteċipazzjoni ugwali bejn is-sessi u li allura, kif jgħid l-istess manifest

elettorali, wara li jiġu analizzati riżultati ta' dan il-mekkaniżmu fl-elezzjoni ġenerali naraw li jitħaddem il-kunċett simili kull fejn hu possibbli fl-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali tal-2024.

Jidher ċar li l-Onor. Owen Bonnici għamel referenza għall-analiżi li għandha ssir kif huwa indikat fl-istess proposta tal-manifest elettorali, u żied, u nikkwota testwalment il-Ministru Bonnici:

> "Ridt ngħid li dan l-istudju, din l-analiżi, irridu nagħmluha b'attenzjoni."

Il-paragrafu tal-manifest elettorali tal-Partit Laburista li qed issir referenza għalih jitkellem ċar dwar l-analiżi tar-riżultati tal-mekkaniżmu li jkun diġà ġie ntużat fl-elezzjoni ġenerali li trid issir qabel ma jitħaddem mekkaniżmu simili fil-Kunsilli Lokali. Is-Sedja għalhekk ma tarax illi l-Ministru Owen Bonnici kien qed jiżgwida l-Kamra meta qal:

> "Però lill-ħabib tiegħi l-Onor. Carabott irrid nikkoreġih għaliex ma qarax il-wegħda elettorali, il-commitment elettorali, li hemm b'mod korrett. Il-commitment elettorali huwa dwar l-istudju ta' din il-miżura."

Jidher ċar li hemm il-kliem "kull fejn hu possibbli" wara li ssir analiżi.

Għalhekk is-Sedja, għalkemm tifhem li forsi l-interpretazzjoni tista' ma tkunx daqshekk ċara, u dan wassal sabiex il-Membru Parlamentari ħass li r-risposta mhijiex ċara, anzi jaħseb li l-Ministru qed jimmiżlijdja lill-Kamra, dan mhux bilfors huwa l-każ.

Is-Sedja, anke diversament preseduta, tat diversi rulings dwar il-punt ta' żvijar tal-Kamra f'risposti għal mistoqsijiet parlamentari anke kif elenkati fir-ruling mogħti fis-Seduta 157 tat-18 ta' Ottubru 2023. Fir-ruling mogħti fis-seduta 455 tat-28 ta' Novembru 2016, fejn għamlet referenza wkoll għall-pożizzjoni fil-Parlament Indjan. Dan jinsab spjegat b'mod ċar fil-pubblikazzjoni tas-Segretarjat tar-Rajya Sabha bl-isem *Rajya Sabha at Work*, fejn f'Kapitolu 8 fis-sezzjoni 'Making a deliberately misleading statement in the House' meta ssir referenza għal dak li jgħid l-Erskine May tal-House of Commons Ingliż, jingħad illi:

> "It is well-settled that making a misleading statement deliberately may be treated as breach of privilege and contempt of the House. According to May, the House may treat the making of a deliberately misleading statement as a contempt. In 1963, the House of Commons resolved that in making a personal statement which contained words which he later admitted not to be true, a former member had been guilty of a grave contempt."

Ikompli jgħid illi:

> "The Committee – tal-Parlament Indjan – also cited various observations/rulings of the Speaker, Lok Sabha, made from time to time and opined that in the context of a breach of privilege arising out of misleading statements, deliberateness or intention to mislead was the crux of the offence."

Il-pubblikazzjoni tikkwota wkoll osservazzjoni li saret f'dan il-kuntest illi:

> "If any statement is made on the floor of the House by a Member or Minister which another Member believes to be untrue, incomplete or incorrect, it does not constitute a breach of privilege. If an incorrect statement is made there are other remedies by which

> the issue can be decided. In order to constitute a breach of privilege or contempt of the House, it has to be proved that the statement was not only wrong or misleading but it was made deliberately to mislead the House."

Is-Sedja daħlet ukoll f'dik li hi definizzjoni tal-kelma "analysis" [analiżi], fejn pereżempju l-Oxford Dictionary jiddefinixxiha bħala "detailed examination of the elements or structure of statistical analysis ...". Allura, fejn qed nitkellmu fuq statistika dwar mekkaniżmu wara elezzjoni ġenerali, id-definizzjoni tinkludi "examination, investigation, inspection, survey, scanning, study, scrutiny, exploration, probe, inquiry, audit, review, evaluation, interpretation", u tibqa' għaddej b'ħafna interpretazzjonijiet.

Jidher ċar li l-Ministru u anke l-Onor. Darren Carabott kienu qed jikkwotaw l-istess paragrafu tal-manifest elettorali tal-Partit Laburista ċitat aktar kmieni, iżda ż-żewġ Onor. Membri taw interpretazzjoni differenti ta' dak li hemm miktub.

Għalhekk fiċ-ċirkostanzi s-Sedja, filwaqt li tifhem li l-Onor. Darren Carabott kellu kull dritt u ma kienx intempestiv meta talab lis-Sedja biex tara jekk il-Ministru kienx qed jiżvija l-Kamra jew le, anzi kellu jagħmilha proprju f'dak l-istadju tas-seduta anke jekk il-mistoqsijiet parlamentari kienu għadhom ma ġewx imwieġba kollha, is-Sedja ma jirriżultalhiex li l-Ministru Owen Bonnici kien qed jimmiżlijdja lill-Kamra bit-tweġiba tiegħu.

Ir-ruling huwa deċiż.